*ART 8 TAL-KONVENZJONI EWROPEA*

*ID-DRITT GHAD-DAR*

*ART 6 TAL-KONVENZJONI EWROPEA*

*ART 12A TAL-KAP 158*

*CERTEZZA TAD-DRITT*

*ABROGAZZJONI AD PERSONAM*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 17 ta' Novembru 2016

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 471/2005/1/LSO**

**AIC Joseph Barbara u b' digriet tat-8 ta' Marzu 2016 Anna Maria Saddemi assumiet l-atti tal-kawza f' isimha proprju esklussivament**

**vs**

**Avukat Generali u Philip Grima**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi dawn il-proceduri tqajmu fil-kors ta' proceduri ordinarji civili fl-ismijiet premessi fejn l-intimat Philip Grima qajjem kwistjonijiet ta' indoli konvenzjonali fejn qed jilmenta illi :

1. Is-sentenza **AIC Joseph Barbara et v Prim Ministru** moghtija fil-31 ta' Jannar, 2014 tivvjola l-jedd tal-esponenti taht **l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni**, id-dritt tad-dar. Il-Qorti Ewropea ma pprotegietx biss id-dritt tal-proprjeta` imma wkoll id-dritt tad-dar tal-abitazzjoni, u jrid ikun hemm ukoll *fair balance*. Qorti biex tizgombra mid-dar trid taghmel ezami tal-*hardship.* Fil-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali f'din is-sentenza hassret kull difiza ta' titlu tal-esponenti, gabitu prattikament bla titlu, u hekk tivvjola l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni. L-aktar sentenza ricenti hija s-segwenti: **Brezec v Croatia tat-18 ta' Lulju 2013.**

2. Is-sentenza tivvjola **l-Artiklu 6 ta' l-Konvenzjoni**, ghax ma jistax ikollu *fair trial* meta huwa jgorr *handicap* x'eccezzjonijiet jaghti jew ma jaghtix, b'distinzjoni min-nies ohrajn, u b'ligi "abrogata" *ad personam.*

3. Illi l-konflitt manifest fil-gurisprudenza fuq l-istess artiklu tal-ligi mill-Qorti Kostituzzjonali, u minghajr ebda rimedju ta' ritrattazzjoni jew xi rimedju iehor, igibu ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fosthom **Tudor Tudor v Romania** u **Mullai et v Albania**

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha fl-ewwel lok tezamina l-kwestjonijiet hawn imqanqla *stante* li hija stess Prim'Awla tal-Qorti Civili, u konsegwentement tiddikjara li s-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **AIC Joseph Barbara et v Avukat Generali u Philip Grima fil-31 ta' Jannar 2014,** iggib il-vjolazzjonijiet hawn fuq lamentati u konsegwentement thassar l-istess sentenza ghar-ragunijiet premessi, fejn tirreferi ghall-esponenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 9 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Philip Magri ghall-atturi, prezenti l-attrici. Dehru Dr Victoria Buttigieg ghall-Avukat Generali u Dr Joseph Brincat ghall-intimat Philip Grima. Il-Qorti rat il-kwistjonijiet konvenzjonali issollevati mill-intimat Philip Grima, u rat ir-risposti tar-rikorrenti u tal-Avukat Generali, u fic-cirkostanzi ordnat li l-kaz jitkompla quddiemha fil-kompetenza Kostituzzjonali taqhha u ghal dan l-iskop ordnat li l-atti rilevanti, u cioe` n-nota a fol 1193 sa 1197 tal-process, kif ukoll ir-risposti a fol 1203 sa fol 1206 u r-risposta tar-rikorrenti, li jsiru kopji ta' dawn l-atti u jigu nseriti f' process appozitu u separat. Il-Qorti tiddiferixxi l-kawza ghall-provi tar-rikorrent ghas-16 ta' Lulju 2015 fil-

11:30a.m. u ghalissa l-kawza civili tibqa’ miexja mal-kawza Kostituzzjonali. Il-kawza qed tigi differita ghas-16 ta’ Lulju 2015 fid-9:30a.m.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali datata 18 ta’ Mejju 2015 a fol 7 tal-process.

L-esponenti jissottometti li l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

**Ebda ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni jrid li kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu. Ikompli jghid, izda, li m'ghandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor.

Illi biex indhil bhal dak ikun “skont il-ligi”, jehtieg mhux biss li jsir taht is-sahha ta' xi ligi li tkun fis-sehh, imma wkoll li t-twettiq ta' kull ghamil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla razan jew uzata b'mod li hadd ma jista' jobsru.

Illi biex mizura ta' ndhil tkun titqies bhala wahda “mehtiega f'socjeta' demokratika”, jrid jintwera li kienet wahda mnissla minn htiega urgenti socjali li tkun proporzjonali ghall-ghan mixtieq u prevedibbli fit-thaddim taghha sabiex taghti c-”certezza” tad-dritt. L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-”rispett” li l-Istat ghandu juri ghall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bhala obbligazzjoni passiva fuq l-Istat biex ma jindahalx bla bzonn jew b'mod eccessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indhil huwa projbit sakemm ikun joqghod mal-ghanijiet mahsuba fl-artikolu 8 (2) tal-Konvenzjoni u jkun indhil maghmul b'mod proporzjonat ma' dawn l-ghanijiet.

Illi l-punt tat-tluq huwa li jigi stabbilit jekk il-proprjeta' hija effettivament “dar” *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni liema artikolu jipprovdi ghal definizzjoni awtonoma ta' “dar” *ai fini* tal-istess Konvenzjoni. Illi din hija kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi pruvata.

Illi l-indhil li minnu qed jillamenta l-parti li pprovokat ir-referenza hija ndirizzata lejn id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li permezz taghha s-sidien tpoggew kemm jista' jkun fil-posizzjoni li kienu fiha kieku ma dahalx fis-sehh l-Att XVIII tal-2007 u dan billi bejn is-sidien u l-inkwilin l-Artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta gie dikjarat bhala null u minghajr effett.

Illi minkejja d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali li ddikjarat l-Artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta bhala leziv, l-istess Qorti Kostituzzjonali ma ordnatx l-izgumbrament tal-

inkwilin. Dan ifisser li l-parti li pprovokat ir-riferenza mhijiex korretta meta tghid li d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ndahlet fir-rispett ghad-dar taghha u dan peress li fl-ebda parti tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali ma nsibu li gie ordnat l-izgumbrament.

Illi fis-sentenza Brezec v. Croatia citata mill-parti li pprovokat ir-referenza, il-Qorti Ewropea sabet lezjoni wara li nharget l-ordni tal-izgumbrament minghajr mal-Qrati nazzjonali ma kienu kkunsidraw il-proporzjonalita' tal-mizura li ttiehdet kontra l-applikanti. Illi galadarba fil-kawza odjerna l-Qorti Kostituzzjonali ma ordnatx l-izgumbrament ma jistax jigi konkluz li kien hemm ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni. Illi s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija cara: instabet lezjoni tal-Artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala riparazzjoni ghal tali lezjoni gie stabbilit il-kumpens fl-ammont ta' €15,000.

Illi jsegwi ghalhekk li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Illi l-ilment ta' ksur tal-jedd ghal smigh xieraq huwa bbazat fuq zewg binarji (a) nuqqas ta' smigh xieraq gialadarba l-ligi li fuqha kien ibbaza l-eccezzjonijiet tieghu giet dikjarata nulla u bla effett fil-konfront tieghu; (b) kunflitt manifest fil-gurisprudenza nostrana dwar lezjoni naxxenti mill-Artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dak li jirrigwarda (a) l-esponenti jissottometti li d-dritt ghal smigh xieraq jipprovdi ghall-garanziji procedurali fi proceduri gudizzjarji. Fost dawn il-garanziji nsibu d-dritt ta' qorti indipendenti u mparzjali, proceduri pubblici, d-dritt tal-*audi alteram parte* u tar-ragjonevolezza fis-smigh. Madankollu d-dritt ta' smigh xieraq ma jiggarantix li persuna jkollha success fl-ezitu tal-kawza u lanqas ma jipprovdi lil xi dritt li persuna biex taghti 'xi eccezzjonijiet partikolari' izda jiggarantixxi biss id-dritt li persuna tiddefendi ruhha. Il-fatt fih innifsu li ligi tigi dikjarata nulla u bla effett ma jqajjem l-ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq fi proceduri ohra.

Illi ghal dak li jirrigwarda (b) l-esponenti jissottometti li l-principju ta' certezza legali huwa mplicitu fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (ara **Dimech v. Malta** deciza fit-2 ta' April 2015). Illi hija konsegwenza naturali ta' kull sistema gudizzjarja bbazata fuq strati differenti ta' gurisdizzjoni li sentenza jistghu jvarjaw. Dan gie rikonoxxut ukoll mill-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Santos Pinto v. Portugal** deciza fl-20 ta' Mejju 2008 fejn il-Qorti Ewropea osservat illi '*the possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention'.*

Fil-kaz fl-ismijiet **Albu and Others v. Romania** deciza mill-Qorti Ewropea fl-10 ta' Mejju 2012, gie enfasizzat li ma

kienx il-funzjoni tal-Qorti Ewropea li titratta zbalji ta' fatt jew ta' dritt allegatament kommessi mill-qrati domestici sakemm tali zbalji ma kienux jivvjolaw drittijiet protetti mill-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropea kompliet tosserva li hija possibbilita' komuni f'kull sistema gudizzjarja li jkun hemm kunflitti ta' sentenzi. Illi dak li jrid jigi stabbilit huwa jekk kienx hemm '*profound and long standing differences* bejn il-gurisprudenza domestika, jekk il-ligi domestika kinitx tipprovdi mekkanizmu sabiex jigu newtralizzati l-kunflitti u jekk tali mekkanizmu kienx applikat. Il-Qorti Ewropea osservat ukoll li c-certezza ma tfissirx li ghandu jkun hemm konsistenza fis-sentenzi u dan peress li l-evoluzzjoni tal-gurisprudenza ma tmurx kontra l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi sabiex tigi stabbilita certezza jridu jghaddu numru ta' snin u li perjodu ta' sentenzi kunfliggenti huwa tollerat filwaqt li l-principju ta' certezza bl-ebda mod ma jkun gie mittiefes.

Illi fil-kaz odjern dak li qed jinghad huwa li fis-sentenzi li nghataw wahda fis-sena 2012 (**Angela Balzan vs Prim Ministru)** u sentenza ohra li nghatat din is-sena (**Bradshaw Sean et vs Avukat Generali et**) allegatament gie deciz mod u li fil-kawza tal-parti li pprovokat ir-referenza gie deciz mod iehor. L-esponenti jissottometti li certament li ma jistax jinghad li kien hemm *profound and long standing differences* fid-decizjonijiet li ghalihom qed issir riferenza mill-parti li pprovokat ir-referenza. Illi inoltre, dak li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali huwa effettivament li stabbilit *pattern* fejn f'kaz ta' lezjoni jigi stabbilit ammont ta' kumpens ghal tali lezjoni.

Illi fil-kaz ta' **Tudor Tudor v. Romania** li ghalih jaghmel riferenza l-parti li pprovokat ir-referenza nstab ksur peress li ghal seba' snin shah kien hemm gurisprudenza kunfligenti da parti tal-qrati domestici. Illi l-kaz ta' **Mullai and Others v. Albania,** dan kien jitratta obbligu li assuma l-Istat tal-Albania sabiex jaderixxi mal-provvedimenti tal-Konvenzjoni u bl-ebda mod ma jista' jigi citat b'approvazzjoni ta' lezjoni.

Illi jsegwi ghalhekk li ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-parti li pprovokat ir-referenza.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti fil-kawza civili li giet sostitwita bl-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2016 fejn esponew li fl-ewwel lok jehtieg illi jigi precizat li f'dan ir-rigward l-intimat qieghed jirreferi ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **'AIC Joseph Barbara et. v. Onor. Prim Ministru' 65/2007 fil-31 ta' Jannar, 2014,** liema decizjoni giet konsegwentement konfermata permezz tad-decizjoni moghtija wara r-ritrattazzjoni tal-istess intimat fit-13 ta' Jannar, 2015 meta mqabbla mad-decizjoni moghtija mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **'Angela sive Gina Balzan v. Onor. Prim' Ministru'** (Rik. Nru. 15/2008) deciza fis-7 ta' Dicembru, 2012.

Illi minn qari komparattiv taz-zewg sentenzi jirrizulta

minnufih illi assolutament mhuwiex minnu li s-sentenzi huma kunfliggenti tenut kont tal-fatt illi, kif jirrizulta minnufih car mill-istess sentenzi, il-konkluzjoni raggjunta mill-istess sentenzi m'hija xejn kunfliggenti tant illi z-zewg sentenzi sabu illi l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti rispettivi kif tutelati mill-Konvenzjoni Ewropea, senjatament fir-rigward ta' dak li jinsab pruvdut taht l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni. Kien biss fir-rigward tar-rimedju provdut mill-Qorti Kostituzzjonali li l-istess Onorabbli Qorti kif komposta fil-kawza fl-ismijiet **'AIC Joseph Barbara et. v. Onor. Prim Ministru'** (65/2007) provdiet diversament minn dak li kien gie provdut mill-istess Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet **'Angela sive Gina Balzan v. Onor. Prim' Ministru'** (Rik. Nru. 15/2008) u dana billi jekk f'din l-ahhar sentenza l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali illimitat ruhha filli tillikwida 'just satisfaction' ta' sittin elf ewro (€60,000) lir-rikorrenti, fil-kaz li kien jirrigwardja l-esponenti u l-intimat odjern Philip Grima l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali illikwidat tali 'just satisfaction' fl-ammont inferjuri ta' hmistax-il elf euro (Eur15,000) pero' ddecidiet ukoll li:

"*28. L-ewwel Qorti, izda, ma llimitatx ruhha li tghid li ma kienx hemm proporzjonalita` izda segwiet billi laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat li l-Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap. 158) jilledi d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-appartament in kwistjoni. L-Artikolu 3(2) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-*

*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett. Ghalhekk, darba li l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar gie ritenut li jilledi d-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-appartament in kwistjoni dan jikkomporta li l-istess artikolu fir-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet ghall-kawza huwa bla effett 12 u jikkomporta li l-Artikolu 12A ma jistax jigi invokat fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet in kwantu ghall-fond in kwistjoni. Ghalhekk ma hemm ebda kontradizzjoni f'dak li ordnat l-ewwel Qorti u anzi dak li ordnat il-Qorti huwa pjenament in armonija ma' dak li trid il-Kostituzzjoni.*"

Illi oltre minn hekk jidher car li l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kienet pjenament a konoxxenza tal-fatt li, limitatament ghar-rimedju provdut kienet qed tipprovdi diversament mid-decizjoni precedenti u dana meta *'obiter'* l-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali irreferiet hija stess ghad-decizjoni moghtija fil-kawza precedenti.

Illi effettivament l-esponenti jaqblu pjenament ma' dak li gie deciz f'dan ir-rigward ukoll, tant hu hekk illi tali posizzjoni tinsab pjenament sorretta wkoll minn decizjonijiet precedenti moghtija kemm mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fosthom '**Stephan Bonnici v. Avukat Generali**' (Rik. Nru. 40/2011) imma wkoll minn awturi li juru kif lanqas il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem m'hija marbuta mir-regola tal-precedent:

"*It remains perfectly clear that the doctrine of stare decisis does not apply in the ECHR system, and it follows that the doctrine of binding precedent (precedent de jure) must be rejected. (...) the Court deliberately develops its case-law along the doctrine of non-binding precedent*" (M. Balcerzak, "*The Doctrine of Precedent in the International Court of Justice and the European Court of Human Rights*", 27 Polish Yearbook of International Law 131 at p. 139 (2004-05).)

Illi ghaldaqstant ghal tali raguni it-talba kif dedotta permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess intimat fil-mertu m'ghandhiex mir-ragun u dan ghaliex in sustanza dak li qed jipprova jghid l-intimat huwa li l-fatt li l-Qrati taghna m'humiex marbutin bir-regola tal-precedent jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu, punt dan li diga' gie deciz kontra t-tezi tal-intimat Philip Grima mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza sopracitata u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. 'X':

"*Fid-dawl tal-principji guridici gia` elenkati, il-Qorti tosserva li l-pretensjoni tar-rikorrent li hu sofra lezjoni ta' dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba inkonsistenza f'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema sentenzi gew indikati minnu fir-rikors promotorju, ma tistax tregi, kemm ghax l-inkonsistenza mhijiex "long-standing" kif ukoll ghal mankanza tal-element ta' "evident arbitrariness": zewg rekwiziti essenzjali sabiex l-inkonsistenza fid-decizjonijiet tal-qrati domestici tkun tista' twassal ghal-lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq.*"

Hekk ukoll fil-kaz in ezami.

Illi, fuq kollox u interament minghajr pregudizzju ghas-surreferit, jehtieg illi ssir referenza wkoll ghal punt proceduralі li wkoll ikompli jikxef kemm it-talba tal-intimat f'dan l-istadju tardiv tal-proceduri li ghandhom iwasslu ghall-izgumbrament tieghu huwa biss tentattiv estrem sabiex jipprova jiddilunga ulterjorment il-proceduri odjerni. Dan ghaliex kif jinsab ripetutament deciz ukoll mill-Qrati taghna, anke *dato ma non concesso* li l-intimat ghandu effettivament aggravju validu xi jressaq fir-rigward tal-proceduri gudizzjarji fil-konfront tieghu, certament li dan m'ghandux iservi sabiex iwaqqaf il-proceduri odjerni, la darba l-legittimu kuntradittur f'dawk il-proceduri certament li ma jistghu ikunu qatt l-esponenti imma biss l-Avukat Generali. Hekk jinsab fil-fatt deciz b'mod konsistenti mill-Qrati Taghna:

"*in kwantu il-lanjanzi tar-rikorrent huma diretti kontra l-operat tal-Imhallef (...),ladarba dawn huma indipendenti mill-intimat u ma johdux ordnijiet minghandu izda jigri proprju l-kuntrarju, huwa ovvju li l-intimat odjern ma ghandux kontroll fuq l-operat taghhom u li xi nuqqas allegat fil-konfront taghha, ma ghandux jirrispondi quddiem il-Qrati ghalih l-intimat.*" (**Edmond Mugliette v. Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili** deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Gunju, 2002.

Illi hekk ukoll gie deciz fit-2 ta' Novembru, 2001 mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet '**Anthony Pace v. Avukat Generali et**':

"*Bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 181B fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili hafna mill-incertezza fir-rigward tar-rapprezentanza tal-Gvern f'azzjonijiet gudizzjarji giet eliminata w allura l-gurisprudenza f'dan ir-rigward kellha tinqara fid-dawl ta' din id-disposizzjoni. Dan l-Artikolu jipprovdi illi l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Dana bhala regola principali.*

*Is-sub-inciz (2) ta' dan l-Artikolu jipprovdi illi l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jkunu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Issa hu ovvju illi meritu bhal dak taht ezami li jimputa lezjoni ta' jedd fondamentali konsegwenzali ghall-process gudizzjarju ma kenitx tinvolvi talba tan-natura li setghet tkun diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern.*

*Irriteniet allura sewwa l-Ewwel Qorti illi f'kazijiet bhal dawn kellha tkun applikabbli din id-disposizzjoni li kienet intiza proprju biex tassigura li l-Gvern ikun dejjem rapprezentat mill-Avukat Generali fejn dan ma kienx previst xort'ohra mil-ligi jew fejn it-talba ma tistax tkun diretta kontra xi Kap ta' Dipartiment jew iehor. L-Avukat Generali allura ghandu*

*"a...right - duty of judicial representation" u jirrapprezenta lill-Gvern kull fejn dan ma setax ikun b'mod iehor skont il-ligi rapprezentat. Is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Generali fir-rikors ta' l-appell ma jirrizultawx ghalhekk sostnuti.*"

Illi r-raguni wara tali posizzjoni mehuda mill-intimat Philip Grima proprju kontra dak hawn fuq deciz hija fil-fatt cara wkoll u tirrizulta kjarament mill-fatt illi, kif deciz skont is-sentenzi surreferiti, huwa l-Avukat Generali li jwiegeb ghas-sistema gudizzjarja Maltija f'kawzi ta' indoli kostituzzjonali jew konvenzjonali. Kwindi ma jaghmel ebda sens li f'dawn il-proceduri ssir talba sabiex issa - wara li l-intimat ezawrixxa r-rimedji kollha tieghu skont il-ligi permezz tal-appell u r-ritrattazzjoni - ikompli jiddilunga ulterjorment dawn il-proceduri billi jitlob investgazzjoni tad-decizjonijiet surreferiti. Fuq kollox dak li jinsab lamentat mill-intimat m'huwiex li s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu hija wahda hazina imma li, skont hu, ma kienx hemm konsistenza fid-decizjonijiet moghtija mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Tali lamentela setghet u tista' ssir permezz ta' proceduri separati ossija permezz ta' rikors 'ad hoc' f'dan is-sens quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Illi ta' min jghid ukoll li din mhix l-ewwel darba li l-intimat prova jsib mezzi sabiex jiddilunga dawn il-proceduri, inkluz billi jilmenta lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu. Fl-istadju tal-appell mis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu fl-ismijiet '**AIC Joseph Barbara v. Onor. Prim' Ministru** (65/2007) huwa qajjem hemmhekk aggravju koncernanti l-

komposizzjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u dana billi argumenta li "*fuq każ identiku dwar appartament ieħor fl-istess blokk kien iddeċieda fil-meritu u din is-sentenza appellata timxi pedissikwatament ma' dik is-sentenza oltre li żiedet ammont għal danni morali". Is-sentenza mogħtija mill-Imħallef Caruana Demajo kienet dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali maqtugħa fil-11 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet Angela Balzan versus Prim' Ministru et*" (estratt mid-decizjoni tal-Onor. Qorti Kostituzzjonali datata 7 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet '**AIC Joseph Barbara v. Onor. Prim' Ministru'**). Tali talba giet effettivament michuda permezz tad-decizjoni surreferita li kkonkludiet gustament li:

"*Madankollu, għalkemm il-fatti taż-żewġ kawżi jixxiebhu kif imfisser fuq, u l-konsiderazzjonijiet legali li jgħoddu għal każ x'aktarx illi jgħoddu għall-ieħor ukoll, ma jistax jingħad illi ż-żewġ kawżi huma l-istess, b'mod illi meta l-Imħallef Caruana Demajo ta l-fehma tiegħu fis-sentenza ta' Balzan kien qiegħed jagħti l-fehma tiegħu fuq il-kawża tallum, fejn il-partijiet huma differenti u l-appartament ukoll huwa differenti. Li kien hekk, kull imħallef li jagħti sentenza dwar interpretazzjoni ta' liġi u l-applikazzjoni tagħha għal fatti partikolari ma jkun jista' jisma' ebda kawża oħra fejn l-istess liġi tiġi applikata għal fatti li jixxiebhu.*"

Illi eventwalment il-kawza kostituzzjonali intavolata minn Philip Grima fl-ismijiet '**Philip Grima v. Avukat Generali**' (deciza fit-2 ta' Dicembru, 2013) giet ukoll deciza kontrih u dana peress :

"***<u>Illi fl-ordni guridiku ta' Malta ma hemmx il-ligi tal-precedent, jew dak paralleli tal-istare decisis u ghalhekk ma hemm xejn x'josta li dik l-istess Qorti, presjeduta mill-istess Imhallef tippronunzja ruhha mod iehor f'kaz iehor li ghalkemm separat ghandu fatti simili. Dan japplika b'aktar qawwa meta l-Qorti li tkun ppronunzjat ruhha tkun wahda tal-prim istanza. Ghalhekk l-istess Imhallef jista' jkollu ripensament fuq punti ta' ligi maghmula f'kazijiet precedenti, u jiddeciedi mod iehor fil-kaz li jkollu quddiemu.</u>***

***<u>13. Dan japplika b'aktar qawwa meta l-Qorti, bhal din il-Qorti, tkun komposta kolleggjalment, fejn allura, mhux eskluz li Imhallef ibiddel fehmtu dwar punt ta' ligi, wara, konsiderazzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula fl-istadju ta' appell, u wara li l-kaz ikun gie kolleggjalment diskuss mal-Imhallfin l-ohra qabel ma tinghata s-sentenza.</u>***" (enfazi mizjuda)

Illi allura, jekk f'dik il-procedura l-intimat kien jaf li seta' jipprocedi permezz ta' procedura kostituzzjonali distinta - tant hu hekk illi fil-fatt ghamel hekk minnufih - l-esponenti ma jifhimx kif issa l-intimat jista' ragjonevolment jahseb li t-talba tieghu sabiex issa, proprju f'dan l-istadju tardiv tal-proceduri meta kulma jonqos huwa li tinghata d-decizjoni minn dina l-Onorabbli Qorti, dina l-istess Onorabbli Qorti tibda tinvestiga kwezit li fi kwalunkwe kaz ma jista' jincidi bl-ebda mod fuq il-mertu nnifsu. Huwa car allura li dan kollu qieghed isir f'tentattiv estrem sabiex dawn il-proceduri

jkomplu jitwalu inutilment u kwindi b'abbuz car tas-sistema gudizzjarju. Hekk ukoll, mertu huwa car li dak li jinsab issa ilmentat mill-gdid mill-intimat Philip Grima kien diga' gie ilmentat f'dak l-istadju u debitament deciz mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali kif surreferit. Huwa ghalhekk ukoll li qed tigi annessa kopja ta' din l-istess sentenza ma' din ir-risposta bhala dok. 'Y' ghall-facli spedizzjoni u referenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Illi ghalhekk ukoll l-esponenti jikkontendu li t-talba tal-intimat ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti kollha pprezentat *seduta stante* fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016 a fol 158 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna u tawtorizza lill-eseponenti Anna Maria Saddemi tassumi l-atti ta' din il-kawza f'isimha proprju esklussivament u konsegwentement tordna li tali assunzjoniji u legittimazzjoni tal-atti tigi riflessa fl-atti kollha relattivi u sussegwenti ta' din l-istess kawza, inkluz bil-korrezzjoni relattiva fl-okkju tal-istess.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu 2016 (fol 177) fejn meta issejjah ir-rikors dehru Josephine Azzopardi assistita minn Dr Philip Magri, Dr Christian Falzon Scerri ghall-Avukat Generali u Dr Joseph Brincat ghal Philip Grima prezenti. Riferribbilment ghar-rikors ipprezentat minn Dr Philip Magri fit-23 ta' Frar 2016, il-Qorti rat ir-risposta tal-Avukat Generali u li Dr Brincat irrimetta ruhu, u l-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat lil Anna Maria Saddemi

tassumi l-atti tal-kawza f' isimha proprju esklussivament, u ordnat il-korrezzjoni tal-atti kull fejn hu mehtieg. Id-difensuri prezenti taw ruhhom b' notifikati bl-atti kif korretti. Dr Brincat ipprezenta nota b' dokument *seduta stante*, u nforma lill-Qorti li kopja tal-istess giet mghoddija eletronikament lid-difensuri tal-kontro parti. Dr Brincat iddikjara li kull ma kien jonqos hu li jipproduci lil Anna Maria Saddemi in subizzjoni. Ir-rikors gie differit ghal dan l-iskop u ghall-provi tal-Avukat Generali ghas-16 ta' Marzu 2016 fil-10:45am.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess Philip Grima datata 6 ta' Mejju 2016 a fol 213 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Avukat Generali datata 3 ta' Gunju 2016 a fol 223 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Josephine Azzopardi datata 6 ta' Gunju 2016 a fol 232 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 9 ta' Gunju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru l-partijiet assistiti. Dr Brincat ghamel referenza ghas-sentenza tal-Onor. Qorti tal-Appell tas-27 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet **"Perit Barbara et vs Natalie Scicluna**" u senjatament fejn il-Qorti tal-Appell ikkonstatat li l-Art 12A tal-Kap 158 kien intiz sabiex jipprovdi saqaf residenzjali ghal dak li jkun, u ghalhekk qed jorbot it-talba tieghu rigward lezjoni tal-Art 8 tal-Kap 319 ma' din il-mira legislattiva. Dr Philip Magri ssottometta f'dan ir-rigward illi l-kaz citat mir-rikorrenti Philip Grima apparti li

kien ta' indoli civili u mhux kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, iddikjara illi l-intimata f'dak il-kaz ma kenitx tirrisjedi fil-fond u konsegwentement ordnat l-izgumbrament tal-istess. Ghaldaqstant, ic-cirkostanzi u l-mertu ta' dak il-kaz bhal kaz ukoll ta' Carmelo Borg citat ukoll minn Philip Grima, m'ghandu x'jaqsam assolutament xejn mal-kaz odjern. Dr Victoria Buttigieg irrilevat in-nuqqas ta' relevanza tal-kaz li ghalih saret referenza mill-parti li provokat ir-riferenza, u dan peress illi dik il-Qorti li kellha quddiema kien kwistjoni ta' haddim ta' l-Art 12A u ma pronunzjat ruhha bl-ebda mod dwar il-kostituzzjonalita' *o meno* ta' dak l-artikolu li kien invokat quddiem il-Qorti Civili Ordinarja. Dr Brincat iddikjara li f'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ma qalitx illi l-Art 12A diga` gie dikjarat inkostituzzjonali u allura Nathalie Scicluna ma kellha l-ebda protezzjoni. Id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors ta' Dr Joe Brincat tad-19 ta' Ottubru 2016 u d-digriet taghha tal-24 ta' Ottubru 2016 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u r-rikors gie differit ghas-17 ta' Novembru 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrent qed jilmenta li sofra lezjoni fid-drittijiet fondamentali tieghu fit-termini tal-**Artikoli 6 u 8, tal-**

**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta,** 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**" minhabba is-sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta fl-ismijiet *AIC Joseph Barbara et v Prim Ministru et.*[1] Talab ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara li s-sentenza premessa ggib dawn il-vjolazzjonijiet u konsegwentement thassar l-istess sentenza.

Illi l-intimat Avukat Generali u r-rikorrenti fil-kawza civili, opponew ghat-talbiet billi ssollevaw diversi eccezzjonijiet fuq il-mertu, li jigu trattati l-quddiem mal-mertu.

**Fatti tal-Kaz.**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

Illi bis-sentenza citata, l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti fl-ewwel istanza fejn u konsegwentement:

1. laqghet it-talba tar-rikorrenti u ddikjarat li l-**Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap. 158)** jilledi d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-appartament 51, Block D, Triq Alfonso Maria Galea, San Giljan"., kif imharsa mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;
2. iddikjarat li l-Artikolu 12A tal-Kap. 158 m'ghandux jigi applikat fil-konfront tar-rikorrenti u li l-intimat u/jew

[1] Sentenza esebita bhala **DOK JA1 b a fol 121 tal-process.**

successuri tieghu m'ghandhom jiehdu l-ebda beneficcju mill-istess;
3. ikkundannat lill-Istat sabiex ihallas kumpens lir-rikorrenti ta' hmistax-il elf ewro (€15,000).

Illi huwa pacifiku li r-rikorrent akkwista s-subenfitewsi temporanju tal-fond ossia appartament numru 51, fi Blokk D fi Triq Sur Fons, Balluta San Giljan minghand Holiday Services Company Limited, sussidjarja tal-kumpanija parastatali Air Malta Company Ltd. Huwa pacifiku wkoll li r-rikorrent odjern baqa' jokkupa dan il-fond anke wara l-iskadenza tal-koncessjoni originali tal-14 ta' Gunju 1957. Din il-koncessjoni skadiet fit-13 ta' Gunju 2002 u l-proprjeta' irrivertiet lis-sidien.

Illi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Gunju 2006 r-rikorrenti Barbara u ohrajn interpellaw lill-intimat Philip Grima sabiex jirrilaxxja l-appartament numru 51 li kien fil-pussess tieghu *in vista* tal-iskadenza tac-cens temporanju tieghu izda dan baqa' jokkupa l-fond u per konsegwenza r-rikorrenti pprocedew bil-qorti (Citaz. Nru. 471/2005/JRM) sabiex jizgumbrawh.

Illi fil-kors tal-imsemmija proceduri ta' zgumbrament gie mghoddi mill-Parlament l-Att Numru XVIII tal-2007 li introduca fl-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap.158 tal-Ligijiet ta' Malta) l-artikolu 12A li b'effett tieghu l-intimat Philip Grima, fost ohrajn fl-istess pozizzjoni tieghu, bhala subcenswalist temporanju jkollu l-jedd li jibqa' jokkupa d-dar ta' abitazzjoni taht kirja minghand il-persuna li tkun id-detentur tal-enfitewsi jew subenfitewsi precedenti

bl-istess kera u taht l-istess kondizzjonijiet applikabbli skont l-artkolu 12(2)(i) u (ii) li tal-Kap. 158 li kienu applikabbli *mutatis mutandis*.

Dan *stante* li ghalkemm il-koncessjoni subenfitewtika skadiet qabel dahlet fis-sehh l-emenda ntrodotta bl-Att XVIII tal-2007, sub-inciz (4) jipprovdi:-

*"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw ukoll fil-kazijiet kollha fejn ghad illi l-enfitewsi jew subenfitewsi l-aktar recenti tkun ghalqet qabel l-1 ta' Lulju 2007 il-persuna li kienet l-enfitewta jew is-subenfitewta fl-enfitewsi jew sub-enfitewsi l-ahhar tkun ghadha tokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja taghha f'dik id-data."*

Dan l-artiklu kellu ghalhekk effett retroattiv fuq is-sidien tal-proprjeta` imsemmija li b'konsegwenza ddahlu f'*forced landlord - tenant relationship*.

**Provi Prodotti**

Ir-rikorrent odjern ressaq il-provi tieghu permezz ta' affidavit  (fol 13) kif ukoll xhieda b'affidavit ta' tliet persuni ohra li bhalu kienu akkwistaw b'titolu ta' subenfitewsi temporanju appartamenti fl-istess binja. Dawn huma Brian Bajada (fol 31), Ian Scicluna (fol 35) u Anthony Cachia (fol 44)..

Illi r-rikorrent xehed li xtara is-subcens ghall-18-il sena bi prezz ta' Lm3300 (€6990) u kera ta' Lm135 (€315) fis-

sena. Skont hu dan kien ammont gholi sew dak iz-zmien tenut kont l-istat dilapidat tal-appartament, li kien jinsab fit-tielet sular (61 targa) minghajr lift, u tenut kont it-terminu relattivament qasir tal-perjodu rimanenti tas-subcens. Dak iz-zmien appartamenti godda lesti f'San Giljan kienu qed jinbieghu ghal Lm10,000 (€23,299). Xehed li ha parir legali li kellu d-dritt li jibqa' jokkupa l-post anke wara t-tmiem tat-terminu tac-cens billi kien protett taht il-ligi tal-1979. Ghalhekk hu u l-mara futura tieghu nefqu bosta spejjez biex jirrangawh. Sal-lum dan l-appartament huwa r-residenza tieghu u ta' martu.

Ix-xhieda prodotti mir-rikorrent xehedu dwar l-esperjenza simili li kellhom fl-akkwist tas-subutili dominju temporanju tal-appartamenti rispettivi taghhom. Xehedu li talbu parir legali li serrhilhom mohhom li kienu jistghu jibqghu igawdu mill-fond anke wara t-terminazzjoni tal-koncessjoni in forza tal-ligi ordinarja. Din is-sitwazzjoni inbiddlet minhabba diversi pronunzjamenti moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali tul iz-zmien b'riferenza ghall-artikolu 12A tal-Kap 158 u ghall-artikolu 12 tal-istess Kap 158.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-titlu tas-sidien, dan gie kkonstatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-proceduri surriferiti. Madaakollu gew esebiti fil-proceduri odjerni wkoll kuntratti notarili min-**Nutar Marisa Grech** (xhieda a fol 77 *et seq*) bhala **Dok MG1, MG2 u MG3.**

**KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI**

Din il-Qorti ser taghmel is-segwenti osservazzjonijiet *in limine*:

1. Il-funzjoni taghha f'dawn il-proceduri mhix li tkun Qorti tat-*terzo* grad. Ghaldaqstant mhuwiex il-kompitu taghha li tirrevedi sostantivament il-konkluzjonijiet milhuqa fis-sentenza tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) tal-31 ta' Jannar 2014 kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali. Din is-sentenza ghaddiet in gudikat u taghmel stat bejn il-partijiet kollha, inkluz ir-rikorrent odjern, li ppartecipa attivament f'kull stadju tal-proceduri. Ghandu jinghad li kien ukoll pprezenta talba ghar-ritrattazzjoni quddiem l-istess Qorti Kostituzzjonali, liema talba giet respinta b'sentenza tat-13 ta' Jannar 2015.

2. Ghalhekk l-indagni ta' din il-Qorti titlaq mill-premessa li s-sentenza hija valida u effettiva u torbot lil din il-Qorti in kwantu gie dikjarat li :-

i. L-**Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap. 158)** jilledi d-dritt tar-rikorrenti sidien ghat-tgawdija tal-appartament 51, Block D, Triq Alfonso Maria Galea, San Giljan, kif imharsa mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii. L-**Artikolu 12A tal-Kap. 158** m'ghandux jigi applikat fil-konfront tas-sidien u li l-intimat Philip Grima u/jew successuri tieghu m'ghandhom jiehdu l-ebda beneficcju mill-istess;

iii. Li l-piz li s-sid kien qed igorr hu eccessiv fl-ambitu tad-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-principu tar-*res gudikata* li huwa essenzjali ghac-certezza tad-dritt, jiccirkoskrivi l-ezercizzju taghha llum.

Il-Qorti ser tindirizza l-punti sollevati mir-rikorrent fl-istess ordni li ressaqhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu a fol 218 *et.seq.* tal-process:

**I. Tista' Qorti Kostituzzjonali hi stess tikkaguna vjolazzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem.**

Dwar dan il-punt ma jidhirx li hemm xi kunflitt bejn il-kontendenti li jaccettaw il-kwezit in principju u jiccitaw il-gurisprudenza tal-Qrati taghna in sostenn tat-tezi li din il-Qorti, fil-kompetenza taghha, tista' tissindika l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali meta *si tratta* ta' allegat ksur tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-bniedem.

L-Avukat Generali ssottometta[2] li din il-Qorti, fis-Sede Kostituzzjonali taghha, ghandha gurisdizzjoni originali sabiex tezamina kull tip ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali inkluz dawk naxxenti minn allegata volazzjoni kommessi mill-Qorti Kostituzzjonali stess. (Ara **Lawrence Cuschieri v l-On.Prim Ministru et** - QK 6 ta' April 1995; **Perit Joseph Mallia v Onor.Prim Ministru et** - QK 15 ta' Marzu 1996; u **On. Imhallef Dottor Anton**

[2] Fol 224 tal-process.

**Depasquale v Avukat Generali** - QK 19 ta' Settembru 2001.

Illi f'din l-ahhar sentenza gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali li:

"*Issir ghalhekk riferenza l-ewwelnett ghal dak li l-Kostituzzjoni taghna stess tipprovdi* ***fl-artikolu 46:***

*"(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha,… tista' bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju."*

*Jigifieri huwa sufficjenti li persuna tallega li xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tieghu ser tigi miksura sabiex jitlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tiehu konjizzjoni ta' l-ilment tieghu. Mir-rikors promotur huwa evidenti li rrikorrent qieghed jadixxi din il-Qorti skont kif inhuwa previst fl-imsemmi artikolu. U l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali li mbaghad sanata fis-subartikolu (2) ta' l-istess artikolu 46:*

*"(2) Il-Prim 'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (l) ta' dan l-artikolu, u tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-*

*direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna."*

Il-Qorti kompliet tafferma din il-posizzjoni, anke b'riferenza ghas-**subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 46** li jiddisponi li meta tqum kwistjoni dwar ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. l-istess tista' tiddisponi mill-kwistjoni mqajma. *"Din il-gurisdizzjoni pero' ma ghandhiex u ma tistax tigi interpretata b'mod illi twassal biex iccahhad id-dritt moghti lill-individwu taht is-subartikolu (1) ta' l-istess Artikolu 46"*

Fil-kaz fl-ismijiet "**Perit Joseph Mallia vs Onor. Prim Ministru et**" (QK-15 ta' Marzu 1996) gie deciz hekk:

*"Finalment il-Qorti tinnota li dan hu proprju l-kaz klassiku fejn zball, zvista jew nuqqas tal-Qorti Kostituzzjonali seta' jigi rettifikat kieku kien accessibbli ghal-litiganti rimedju taht il-procedura ta' ritrattazzjoni f'dan l-istadju. Dan mill-istess Qorti u bl-applikazzjoni ta' provvedimenti procedurali li jaghtu rimedju taht il-ligi ordinarja tal-procedura. Mhux allura bl-anomalija li qorti ta' grad inferjuri tinvestiga l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali - bhala qorti ta' l-ewwel istanza - u dana taht id-dell tqil ta' akkuza li ivvjolat id-drittijiet fundamentali tac-cittadin li hi fid-dover taghha li thares. Dana jinghad naturalment bla ma jitnaqqas xejn mill-valur tal-principju li kulhadd hu soggett ghall-istess ligi u li anke l-Qorti jew komponenti taghha jistghu jkunu*

*msejha jirrispondu ghal allegazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza bl-ismijiet* ***'Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et'*** *deciza fis-6 ta'April 1995*."

Illi jidher li din hija l-posizzjoni l-aktar accettata mill-Qrati taghna. Madanakollu l-posizzjoni mhix cara daqs il-kristall.

Il-Qorti Kostituzzjonali hija presjeduta minn tlett Imhallfin - d-decizjoni taghha hija *res judicata* u taghmel stat bejn il-kontendenti u torbot anke lill-Istat li ghandu jirrispetta d-decizjonijiet finali tal-Qorti Kostituzzjonali. Tant li, kif gie ritenut mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' ritrattazzjoni bejn il-kontendenti:

*"Darba l-ligi ma tikkontemplax ritrattazzjoni mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ma tistax, dik il-Qorti stess, tohloq tali rimedju. Il-kaz inghalaq mad-decizjoni ta' din il-Qorti, salv id-dritt tac-cittadin milqut hazin li, forsi ghat-tielet darba jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."*

Illi fil-kaz odjern, ir-rikorrent qed jallega li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sustanza taghha, u mhux minhabba xi abbuz procedurali, kissret id-dritt tieghu skont l-artikolu 8 u skont l-artikolu 6 (abrogazzjoni 'ad personam') u li, inoltre, l-istess sentenza, meta imqabbel ma' sentenzi ohra tal-istess Qorti, tikkontribwixxi ghall-incertezza fid-dritt.

Illi jista' jigi osservat li dawn il-lanzjanzi kellhom *semmai* jitqajmu quddiem il-Qorti fl-ewwel u fit-tieni grad, li certament kellhom il-kompetenza li jinvestu ruhhom b'dawn il-kweziti. Tfakkar li l-Qrati taghna, inkluzi dawk ta' kompetenza kostituzzjonali, huma marbutin b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Ir-regoli li jiggvernaw dan il-principju huma ben assodati fil-gurisprudenza taghna. *"L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq -'res judicata pro veritate habetur' -jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'."*[3] It-tlett elementi, li huma kumulattivi huma l-*"eadem res"*; l-*"eadem causa petendi"*; u l-*"eadem personae"*[4]

Illi ta' rilevanza ghall-kaz *in disamina* gie wkoll ghadd ta' drabi mfisser li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li

---

[3]**Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et -** il-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali).

[4]Ara ad ez. : Qorti tal-Appell -10 ta` Ottubru 2003 -**"Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri**" ; u PA/RCP – 17 ta` Frar 2000 – "**Registratur tal-Qrati Superjuri vs M of Time Limited"**).

tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.[5]

Meta kwistjoni tkun definittiva u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza tkun diga tezisti fl-ewwel kawza. Mhux lecitu li terga' ssir proposta bl-istess domanda biex tinnewtralizza decizjoni precedenti billi ggib 'il quddiem ragunijiet jew provi li jkun jaf bihom, jew li seta' u messu gieb fil-kors tal-process l-iehor. Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghal dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss, mill-parti li kellha tiddiskutieh biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; u l-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` tal-motivi tal-'*causa petendi*'. (Ara **"Cole Foods Ltd. vs Accent Clear Traders Co. Ltd. -** P.A. deciza fl-4 ta' Gunju 1999)

Illi dawn il-principji qed jigu senjalati ghaliex din il-Qorti hija mhassba mill-fatt li dak li qed jittenta r-rikorrent illum jmiss wisq mill-vicin ir-regoli fuq diskussi u ghandha tkun vigilanti li ma tergax tiftah kaz maghluq ghar-ragunijiet li jirrizultaw infondati u arbitarji. Altrimenti s-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali jistghu jigu newtralizzati permezz ta' katina ta' proceduri *ad infinitum.*

Kif gie kkummentat, il-principju ta' *res judicata* huwa essenzjali ghall-principju iehor li qed jigi invokat mill-istess

[5] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija, ccitata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Charles Cortis v Francis X. Aquilina et.** - P.A. JRM - 25.9.20013

rikorrent - dak tac-certezza legali. Hekk jghidu l-awturi *Harris O'Boyle & Warwick*[6] *"The right to a fair hearing also requires that the judgment by the final court that decides a case is' res judicata' and hence be irreversible in accordance with the principle of legal certainty."*

Madanakollu, dan kollu premess, gjaladarba il-lanjanzi odjerni ma gewx sollevati mir-rikorrent f'dawk il-proceduri, u *in vista* tal-gurisprudenza favorevoli ghat-tezi tieghu ccitata mill-partijiet din il-Qorti ser tkompli biex tezamina l-kaz fil-mertu.

## II. Konflitt ta' Gurisprudenza

*"Illi l-konflitt manifest fil-gurisprudenza fuq l-istess artiklu tal-ligi mill-Qorti Kostituzzjonali, u minghajr ebda rimedju ta' ritrattazzjoni jew xi rimedju iehor, igibu ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fosthom* ***Tudor Tudor v Romania*** *u* ***Mullai et v Albania****.*

Illi r-rikorrent issottometta li kien hemm taqlib gurisprudenzjali bejn kaz u iehor, senjatament bejn is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fil-kaz in mertu u dawk moghtija fil-kazijiet segwenti:

**Angela Balzan v Prim Ministru** (QK - 7/12/12).
**Bradhsaw v Avukat Generali et** (QK 6 ta' Frat 2015).
**Vincent Curmi et v Avukat Generali et** (PA(Kost.) 9 ta' Frar 2016).

[6] (3rd ed.) p 431)

**Maria Stella Azzopardi Vella v Avukat Generai et** (PA (Kost.) 28 ta' Jannar 2016).

Illi kkonsidrat li r-rikorrent mhuwiex qed jilmenta dwar konflitt fl-interpretazzjoni ta' ligi li jista' johloq disgwid fid-determinazzjoni tad-dritt tac-cittadin. L-interpretazzjoni legali tal-artikolu 12A huwa assodat. L-ilment tieghu tindirizza divergenza bejn kaz u iehor ghal dak li jirrigwarda id-disapplikazzjoni *o meno* tal-artikolu 12A tal-Kap 158.

Illi din il-Qorti ezaminat il-gurisprudenza kif evolviet f'dawn l-ahhar snin u ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrent. Anzi jirrizulta li mal-medda tas-snin, il-Qorti Kostituzzjonali affermat ir-responsabbilita' taghha li taccerta li disposizzjonijiet legali li fihom infushom jew fl-applikazzjoni taghhom jiksru d-drittijiet fondamentali tac-cittadin ma jinghatawx effett.

Illi gie kkonstatat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza lamentata li l-Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar (Kap. 158) jilledi d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-appartament in kwistjoni. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li l-**Artikolu 3(2) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi li fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett. Ghalhekk, l-istess Qorti irragunat li ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet li l-Artikolu 12A tal-Ordinanza dwar il-Kontroll tal-Kiri tad-Djar gie ritenut li

jilledi d-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-appartament in kwistjoni dan jikkomporta li l-istess artikolu fir-relazzjonijiet ta’ bejn il-partijiet ghall-kawza huwa bla effett u jikkomporta li l-Artikolu 12A ma jistax jigi invokat fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet inkwantu ghall-fond in kwistjoni.[7]

Xi snin qabel, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kost) rriteniet fil-kaz ta' **Balzan** li:

*"Din il-qorti ma tarax illi huwa kompitu tagħha fil-kompetenza kostituzzjonali li tagħti ordni ta’ żgumbrament, ukoll għax ma ġiex, u ma setax jiġi, dibattut quddiemha jekk il-konvenuti Bajada għandhomx xi titolu ieħor biex iżommu l-fond. Jidher ukoll illi hemm kawża oħra pendenti bejn l-attriċi u l-kerrejja (rikors maħluf numru 288/2007) fejn tiġi dibattuta l-kwistjoni tal-iżgumbrament. Għall-għanijiet ta’ din il-kawża tallum huwa biżżejjed li jingħad illi l-konvenuti Bajada ma jistgħux jinqdew bl-art. 12A tal-Kap. 158 biex jilqgħu għal kull azzjoni li għamlet jew tista’ tagħmel l-attriċi fil-forum kompetenti biex tikseb l-iżgumbrament tagħhom."*

Il-Qorti Kostituzzjonali, izda, proprju sentejn qabel is-sentenza bejn il-kontendenti odjerni ma qablitx u qalet hekk:

*"Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul fuq din il-materja, tara li dan mhux rimedju li tista’ taghti. Il-bilanc bejn l-interessi differenti jrid joholqu l-Gvern, u hu l-Gvern li jrid ibati l-*

[7] Ara wkoll Q. Kost. H. Vassallo & Sons Ltd. v. Avukat Generali et., 8/10/2012 #19-23.

*konsegwenzi jekk jonqos minn dan id-dmir tieghu. Ghan-nuqqas tal-Gvern ma ghandux ibati c-cittadin. La darba, f'dan il-kaz, il-ligi per se ma gietx meqjusa li tikser il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tistax tigi dizapplikata ghall-kaz."*

Iktar recentement fis-sena 2015, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Bradshaw** iddikjarat li l-kazin intimat mhuwiex responsabbli ghal ebda lezjoni tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija pacifika tal-possediment tal-atturi riskontrat mill-ewwel Qorti, u ghalhekk m' ghandu jhallas ebda kumpens. Madanakollu f'dan il-kaz il-Qorti sabet li ma kienx hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent u ghalhekk mhuwiex paragunabbli ghall-kaz odjern.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Fuq livell ta' dritt ikkonsidrat li c-certezza legali hija wahda mill-pedamenti tas-saltna tad-dritt. Madanakollu huwa accettat li l-evoluzzjoni gurisprudenzjali tista' tinnecessita' riformi fil-hsieb tal-qrati. Hekk kif gie spjegat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech v Malta (**ECtHR 2 ta' April 2015**):**

*"1. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty (see Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 61, ECHR 1999-VII), which, inter alia, guarantees a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts (see Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey [GC], no. 13279/05, § 57, 20 October 2011). The persistence of*

*conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009). However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008) and case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evaluative approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 36815/03, § 38, 14 January 2010). (enfasi ta' din il-Qorti.)*

Il-Qorti Ewropea regghet indirizzat dan il-kwezit u stabbiliet il-kriterji applikabbli fil-kaz ad es. **Albu and Others v Romania** (10 ta' Mejju 2012) fejn gabret il-gurisprudenza taghha in materja:

**"***2. In its recent Grand Chamber judgment in* ***Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey*** *([GC], no. 13279/05, 20 October 2011), the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions (§§ 49-58). These can be summarised as follows:*

*(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I). -omissis- Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see Ādamsons v. Latvia, no. 3669/03, § 118, 24 June 2008);*

*(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see Santos Pinto v. Portugal, no. 39005/04, § 41, 20 May 2008, and Tudor Tudor, cited above, § 29);*

*(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see* ***Iordan Iordanov and Others****, cited*

*above, §§ 49-50; see also* ***Beian*** *(no. 1), cited above, §§ 34-40;* ***Ştefan and Ştef v. Romania****, nos. 24428/03 and 26977/03, §§ 33-36, 27 January 2009;* ***Schwarzkopf and Taussik,*** *cited above, 2 December 2008;* ***Tudor Tudor,*** *cited above, § 31; and* ***Ştefănică and Others****, cited above, § 36);*

*(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities,* ***Beian*** *(no. 1), cited above, § 39;* ***Iordan Iordanov and Others****, cited above, § 47; and* ***Ştefănică and Others,*** *cited above, § 31);*

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see* ***Paduraru v. Romania****, § 98, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and Ştefănică and Others, cited above, § 38);*

*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see*

***Unédic v. France**, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008). Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evaluative approach would risk hindering reform or improvement (see **Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia",** no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).*

Illi fis-sentenza lanjata, **l-artikolu 12A tal-Kap 158** gie dizapplikat fir-relazzjonijiet tar-rikorrent mas-sid tal-post, it-tnejn partijiet fil-kawza u mhux annullat jew imhassar.

Illi skont ir-rikorrent, din id-decizjoni tmur oltre is-sentenzi moghtija fil-kaz **Balzan** u ta' **Bradshaw**, partikolarment fil kaz ta' Bradshaw, fejn il-Qorti Kostituzzjonali ma qablitx mal-Qorti tal-ewwel istanza u rritieniet li huwa l-Istat u mhux ic-cittadin li ghandu jirrispondi ghan-nuqqasijiet lamentati.

Jghid li hemm konfuzjoni bejn is-sentenzi u li, inoltre, l-Qorti Kostituzzjonali m'ghandhiex is-setgha li thassar ligi. Dan jispetta biss lill-Parlament ta' Malta bhala l-oghla istituzzjoni legislattiva fil-pajjiz kif applikat ukoll permezz **tal-art 242 tal Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi min-naha l-ohra, ma jistax jinghad li id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza bejn il-kontendenti kienet wahda azzardata u arbitrarja. Il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni taghha wara li kkonsidrat l-implikazzjonijiet tal-**artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni Ewropea** (Kap 319 tal-

Ligijiet ta' Malta.) Inoltre l-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** ta' Malta jiddisponi li "*jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett*".

Illi huwa rilevanti li minkejja l-istess decizjoni kostituzzjonali, l-artikolu citat ghadu sallum jaghmel parti mill-ordinament guridiku Malti u ma kien hemm ebda intervent legislattiv sabiex jemenda jew jirrevoka l-istess disposizzjonijiet legali. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 242 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi r-rikorrent iccita zewg sentenzi ohra (rispettivament ta' **Vincent Curmi,** u ta' **Maria Stella Azzopardi Vella** fuq citati**)** moghtija mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali). L-ewwel kaz gie deciz fil-mori mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Gunju 2016 fejn b'konsistenza mas-sentenza f'Barbara, disapplikat il-ligi fil-konfront tal-intimat Bank of Valletta plc..

Ir-rikorrenti Curmi, ghas-siden, rrikorra ghall-appell *inter alia* billi hass li "*r-rimedju moghti ghandu jinkludi ordni li l-fondi jinghataw lura vakanti."* Il-Qorti Kostituzzjonali irribadiet li "*fl-ewwel lok l-proceduri kostituzzjonali mhumiex il-forum addattat sabiex jigi deciz jekk inkwilin ghandux jigi zgumbrat jew le. Din il-vertenza tispetta lill-qrati ordinarja jew lill-Bord li Jirregola l-Kera skont il-kaz. Dak li, ghal kuntrarju, huwa rilevanti hija l-konsiderazzjoni li, fil-kaz li jinstab li ligi hija vjolattiva tad-drittijiet fundamentali ta' xi*

*parti, dik il-ligi ma tistax tibqa' tinghata effett bejn il-partijiet kemm-il darba u sakemm l-applikazzjoni taghha tkun leziva ghad-drittijiet fundamentali ta' dik il-parti."* (emfasi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti ccitat is-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz Frendo **Randon and Others v. Malta** [App. 2226/10] [App. Just Satisfaction ] moghtija fit-22 ta' Frar 2012:

"*16. As the Court has held on a number of occasions, a judgment in which the Court finds a breach imposes on the respondent State a legal obligation to put an end to the breach and make reparation for its consequences in such a way as to restore as far as possible the situation existing before the breach (see* ***Iatridis v. Greece*** *(just satisfaction) [GC}, no. 31107/96 §32, ECHR 2000- XI, and Guiso-Gallissay v. Italy Just satisfaction) [GC], no. 58858/00, § 90, 22 December 2009). The Contracting States that are parties to a case are in principle free to choose the means whereby they will comply with a judgment in which the Court has found a breach. This discretion as to the manner of execution of a judgment reflects the freedom of choice attached to the primary obligation of the Contracting States under the Convention to secure the rights and freedoms guaranteed (Article 1). If the nature of the violation allows of restitutio in integrum it is the duty of the State held liable to effect it, the Court having neither the power nor the practical possibility of doing so itself. If; however, national law does not allow - or allows only partial reparation to be made for the consequences of the breach, Article 41*

*empowers the Court to afford the injured party such satisfaction as appears to it to be appropriate*."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Angelo Briffa et v. Nadia Merten**[8], deciza fl-24 ta' April 2015, il-Qorti Kostituzzjonali osservat ukoll li :

*"15. Dwar ir-rimedju – jekk dan għandux ikun l-iżgumbrament mitlub mill-atturi jew kundanna tal-gvern għall-ħlas ta' danni – din il-qorti tosserva illi l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jgħid ċar illi "jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni,......... il-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett". Il-qorti għalhekk, jekk issib ksur tal-Kostituzzjoni, ma tistax tħalli illi, bis-saħħa tal-art.12[4] tal-Kap. 158, issir il-konverżjoni taċ-ċens għax jekk tagħmel hekk tkun qiegħda tħalli li jingħata effett lil liġi wkoll safejn tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni.*

*"Ir-rimedju għalhekk jista' jkun biss illi l-qorti taqta' l-kawża bħallikieku l-art. 12[4] ma għandu ebda effett, i.e. billi ma tħallix illi sseħħ il-konverżjoni, bil-konsegwenza illi l-konvenuta tibqa' bla titolu."*

Similment fis-sentenza fl-ismijiet **Cassar Torreggiani vs Avukat Generali et** deciza fid-29 ta' April 2016, il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar ir-rimedju ta' zgumbrament:

[8] App.S 316/2009

*"……. din il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu illi l-intimati Tabone qeghdin igawdu minn sitwazzjoni li tohrog mil-ligi domestika li ghadha fis-sehh u li ghalhekk ghall-finijiet ta' dik il-ligi huma ma humiex qeghdin fi stat ta' illegalita', tenut kont il-piz eccessiv u sproporzjonat li qed igorru r-rikorrenti sabiex l-intimati Tabone jkunu jistghu jibqghu igawdu minn dak il-provvediment, l-ewwel Qorti kienet korretta u gusta meta ordnat illi dawn l-intimati ma ghandhomx jibqghu jistriehu fuq id-dispozizzjoni ta' dik il-ligi.*

*"49. Din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fil-kawza Dr.* ***Cedric Mifsud et v. L-Avukat Generali et, deciza fil-31 ta' Jannar 2014:*** *'40. ….. jekk tordna biss il-hlas ta' danni u thalli illi l-ligi jkompli jkollha effett [bejn il-partijiet], il-qorti tkun qieghda effettivament tippermetti li jkompli jtul fiz-zmien stat ta' anti kostituzzjonalita'….. Flok ittemm stat ta' ksur tad-drittijiet fondamentali, il-Qorti tkun qieghda tippermetti li jitkompla bil-kondizzjoni tal-hlas tad-danni, meta dak li jridu l-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali hu li dawk id-drittijiet jitharsu tassew, u mhux ikomplu jinkisru basta jithallsu danni, bhallikieku l-hlas tad-danni huwa licenza ghall-ksur kontinwat tad-drittijiet fondamentali.'"*

"……………….. omissis……………………….

*"51. ………Din il-Qorti hi tal-fehma illi, galadarba giet kostatata vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti billi ma nzammx bilanc gust bejn l-interessi tas-sid u l-ghan socjali li l-ligi in kwistjoni trid tilhaq, l-ewwel haga li trid tigi*

*indirizzata hija l-izbilanc riskontrat u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet dan billi fl-ewwel lok ordnat il-hlas ta' kumpens lir-rikorrent, u fit-tieni lok billi iddecidiet li l-intimati konjugi Tabone ma setghux jibqghu jistriehu fuq id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap. 158. Kieku ma ghamlitx hekk il-Qorti ma kenitx tkun timxi kif irid l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni li jghid li ligi ordinarja safejn inkonsistenti mal-Kostituzzjoni ghandha tkun "bla effett".'*

*"59. Konformament mal-premess din il-Qorti tosserva illi, ghalkemm huwa minnu dak sottomess mill-intimati Griscti li huma qeghdin juzufruwixxu minn dritt ope legis [huma jsemmu l-artikoli 3, 4 u 14 talKap.69], b'dan illi ma humiex jagixxu b'mod illegali, huwa minnu wkoll illi galadarba gie riskontrat stat ta' illegalita', precizament lezjoni ta' dritt fundamentali tar-rikorrenti, il-Qorti ma tistax tippermetti illi dan l-istat ta' illegalita' jibqa` fis-sehh. L-art.6 tal-Kostituzzjoni jghid car illi jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni il-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti tkun bla effett.*[9] *Dan hu r-rimedju ewlieni*[10] *li ghandu jinghata u li johrog mill-Kostituzzjoni stess."*

Illi hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Victor u Carmen Portanier v Avukat Generali et (**QK - 29 ta' April 2016) l-istess Qorti Kostituzzjonali riaffermat l-istess posizzjoni taghha u rriteniet li:

[9] Q.Kos Cedric Mifsud et v. Avukat Generali et, 31 ta' Jannar 2014
[10] Enfazi ta' dik il-Qorti

*"32. Il-qorti taqbel ukoll mal-konvenuti li ma huwiex kompitu tagħha f'din il-kawża li tordna l-iżgumbrament tal-konvenuti Pillow. Madankollu, kif igħid u jrid l-art. 6 tal-Kostituzzjoni, id-disposizzjonijiet tal-art. 12 tal-Kap. 158 għandhom ikunu "bla effett" fir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuti Pillow, b'mod li dawn tal-aħħar ma jistgħux jistrieħu fuq dawk id-disposizzjonjiet biex jivvantaw titolu fuq l-appartament tal-attur."*[11]

Illi wara li ezaminat din il-gurisprudenza, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Vincent Curmi noe v Avukat Generali et** kompliet:

*"89. Applikati l-princippji citati ghall-kaz odjern, b'mod partikolari tenut kont li s-sitwazzjoni irregolari riskontrata minn din il-Qorti temani propju mit-thaddim ta' ligijiet partikolari, jigifieri d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini [il-Kap.69], u l-ligijiet specjali Att XLV tal-1973 u l-Att IX tal-1974, u in kwantu fost it-talbiet tar-rikorrenti hemm talba sabiex il-Qorti "taghtihom dawk ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa u opportuni nkluz il-pussess lura tal-fond…", din il-Qorti m'ghandhiex thalli u tippermetti t-thaddim ta' ligijiet li l-applikazzjoni taghhom tkun leziva tad-drittijiet fundamentali." (Enfasi ta' din il-Qorti). Konsegwentement rriformat is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad fis-sens li l-Bank intimat ma jistax jibqa' jistrieh aktar fuq id-dispozizzjonijiet kontenuti fl-Ordinanza fuq citata u fuq id-*

[11] Ara Cedric Mifsud noe v. A.G. et, Kost. 31 ta' Jannar 2014, rik. kost. 34/2010.

*dispozizzjonijiet tal-Att XLV tal-1973 u tal-Att IX tal-1974, fl-okkupazzjoni taghhom tal-fondi in kwistjoni."*

Illi minn dan kollu jirrizulta li kontrarjament ghal dak suggerit mir-rikorrent, hemm linja ta' hsieb kontinwu u kostanti li ma jippermettix li disposizzjoni legali meqjusa lesiva tad-dritt fondamentali tal-parti jibqa' jkollu effett bejn il-partijiet - ragunament li hu konformi u sorrett bl-applikazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni**, tal-**artiklu 3(2) tal-Kap 319** u bil-linja ta' hsieb konsistentement enuncjat fis-sentenzi citati.

Illi fid-dawl tal-premess issib li dan l-ilment mhuwiex gustifikat.

**III Ligi abrogata 'ad personam'**

"*Is-sentenza tivvjola **l-Artiklu 6 ta' l-Konvenzjoni**, ghax ma jistax ikollu fair trial meta huwa jgorr handicap x'eccezzjonijiet jaghti jew ma jaghtix, b'distinzjoni min-nies ohrajn, u b'ligi "abrogata" ad personam."*

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Illi **l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-*

*sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita` tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikolu 6(1) huma l-anqas garanziji li persuna li jkollha l-jedd ta' aċċess għal qorti għandha x'tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom. Ingħad b'awtorita` mill-Qorti ta' Strasburgu li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti w imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita` li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu speċifikatament ma jsemmix[12]. Fost dawn, wieħed isib id-dritt għall-prinċipju tal-"equality of arms"[13];

Illi kif gie ritenut fis-sentenza **"Domenico Savio Spiteri vs A.G. et"** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li (b'riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***"St. Paul's Court Limited vs L-Onor. P.M. et noe"*** *deciza fis-16 ta' Settembru 1998):-*

*"Kif tajjeb josservaw l-awturi* ***Harris, O'Boyle u Warbrick****:-*

[12] Ara Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 202-3 15

[13] Ara ECHR 17.1.1970 fil-kawża fl-ismijiet **Delcourt vs Belġju** (Applik. Nru. 2689/65) par 28; u 16.2.2000 fil-kawża fl-ismijiet **Rowe and Davis vs Renju Unit** (Applik. Nru. 28901/95) par 60-2

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

Illi r-rikorrent jilmenta li l-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni jorbot il-parametri tal-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali billi ma jaghtihiex il-poter li tiddeciedi anticipament kawzi ta' natura civili jew anke kazijiet li kien risaput li kienu ilhom pendenti.

Illi dwar dan il-punt din il-qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali li d-dritt ghal smigh xieraq jipprovdi ghall-garanziji procedurali fl-isfera ta' proceduri gudizzjarji, fosthom il-garanzija ta' smigh quddiem qorti indipendenti u imparzjali, proceduri pubblici, id-dritt tal-*audi alteram partem* u tar-ragonevolezza fis-smigh. Il-principju tal-*equality of arms* ma jiggarantixxix lill-parti f'kawza li tissolleva eccezzjonijiet partikolari fejn dawn ma jirraprezentawx stat ta' legalita'. Dan l-artikolu jaghti biss dritt lill-partijiet f'kawza li jiddefendu ruhhom, imma dan necessarjament jimplika li d-difiza trid tkun wahda legali u hawnhekk, fil-fehma tal-qorti, tfalli t-tezi tar-rikorrent.

Huma l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni stess li jiddettaw li kwalsiasi ligi li hija inkonsistenti mad-disposizzjonijiet hemm enuncjati ikunu *bla effett.* Isegwi li r-rikorrent ma jistax f'ebda cirkostanza, jinvoka din id-disposizzjoni jew jitlob lill-Qorti li tapplikaha - punt gja ampjament trattat fis-sentenzi tal-Qorti

Kostituzzjonali citati *ante* fil-kazijiet ta' **Cassar Torreggiani** u **Vincent Curmi** ad ezempju.

Illi ghal dak li jolqot il-punti partikolari f'dan il-kaz, ghandu jigi senjalat li l-Qorti Kostituzzjonali ma dahhlitx fil-kwistjoni tal-izgumbrament *per se*. Iddecidiet biss, skont is-sentenza fuq citata, li ma tistax tapplika disposizzjoni ta' ligi li hi leziva tad-drittijiet fondamentali ta' wiehed mill-partijiet a beneficcju tal-parti l-ohra, altrimenti l-Qorti stess tkun qed tippermetti l-istat ta' illegalita' li jkompli. Dan jirrientra fil-kompetenza shiha tal-Qorti kostituzzjonali li hi stess hija organu tal-Istat u bhala tali ghandha r-responsabbilita' li ma taghtix aktar effett ghal stat ta' illegalita'.

Fid-dawl tal-premess l-argument tar-rikorrent jtendi li jizvija lill-Qorti mill-punt essenzjali cioe' li l-artikolu 12A illeda d-drittijiet <u>fondamentali</u> tas-sidien, u fl-applikazzjoni tieghu fir-relazzjoni bejn is-sid u l-inkwilin kien u jibqa' illegali u abbuziv. Id-disposizzjoni imsemmi ma giex abrogat izda gie disapplikat anke fil-konfront tal-inkwilin altrimenti l-illegalita' kienet tkompli.

Inoltre jirrizulta li l-istess principji gew applikati mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet l-ohra citati u ghalhek mhuwiex korrett ir-rikorrent li jghid hemm xi abrogazzjoni *ad personam*

Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, din il-Qorti ma ssibx li l-Qorti Kostituzzjonali marret li ‘l hinn mill-kompetenza u mill-awtorita' taghha sabiex ma thallix u ma tippermettix it-

thaddim ta’ ligijiet li l-applikazzjoni taghhom tkun leziva tad-drittijiet fundamentali.

Ghal dawn il-motivi ssib li din il-lanjanza wkoll mhix gustifikata.

**Allegat Ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni.**

"*Is-sentenza* ***AIC Joseph Barbara et v Prim Ministru*** *moghtija fil-31 ta’ Jannar, 2014 tivvjola l-jedd tal-esponenti taht* ***l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni****, id-dritt tad-dar. Il-Qorti Ewropea ma pprotegietx biss id-dritt tal-proprjeta` imma wkoll id-dritt tad-dar tal-abitazzjoni, u jrid ikun hemm ukoll fair balance. Qorti biex tizgombra mid-dar trid taghmel ezami tal-hardship. Bil-fatt li l-Qorti Kostituzzjonali f’din is-sentenza hassret kull difiza ta’ titlu tal-esponenti, gabitu prattikament bla titlu, u hekk tivvjola l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni. L-aktar sentenza ricenti hija s-segwenti:* ***Brezec v Croatia tat-18 ta’ Lulju 2013."***

Illi r-rikorrent qed jallega li sofra lezjoni tad-drittijiet tieghu garantiti b'dan l-artiklu peress li l-Qorti Kostituzzjonali ma zammetx bilanc li kellha zzomm bejn id-dritt ta' proprjeta' u d-dritt tieghu prottett **bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni**.

Ir-rikorrent jelabora li jqis li dan ġara b’effett tas-sentenza li inghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kost) kif ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali skont liema l-Qorti ddikjarat li l-Artikolu 12A tal-Kap 158 "*m'ghandux jigi applikat fil-konfront tar-rikorrenti u li l-intimat (ir-rikorrent*

*odjern) u/jew is-successuri tieghu m'ghandhom jiehdu l-ebda beneficcju mill-istess."* Effettivament jghid li dan ifisser li jista' jigi zgumbrat mid-dar tieghu billi din is-sentenza hassret kull difiza ta' titlu tal-esponenti, gabitu prattikament bla titlu. Qal li dan kien sproporzjonat fil-konfront tieghu billi qed ikollu iwiegeb ghall-obbligi tal-Istat fil-konfront tas-sid tal-proprjeta'.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Illi l-**artikolu 8** msemmi jipprovdi li *"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' dar u tal-korrispondenza tiegħu. (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' ħaddieħor";*

Illi huwa evidenti li dan l-artikolu jipprotegi d-dritt ghar-residenza (*right to a home*) minn indhil mill-awtorita' pubblika. Jigi ribadit li s-sentenzi tal-Qorti Ewropea mhumiex limitati ghall-kazijiet fejn id-dar hija proprjeta' tal-applikant, imma, billi huwa kkonsidrat bhala kuncett soggett ghall-tifsira awtonoma, l-artiklu 8 gie applikat diversament ghall-inkwilini, persuni Rom u sahansitra ghall-kamra f'lukanda li giet ikkonsidrata li tikkwalifika bhala

"*residenza"* ghall-fini ta' dan l-artikolu.[14] "*The question is whether the applicant can demonstrate the existence of sufficient and continuous links with a specific place".*[15] Jirrizulta fil-kaz odjern minghajr ebda dubbju li l-appartament in mertu hija r-residenza ordinarja tar-rikorrent, id-dar tieghu u ta' martu u l-post fejn rabbew il-familja taghhom.

Madankollu, fuq punt ta' dritt, ghandu jinghad li l-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, għaliex it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta tali ndħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun.

Minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li tabilhaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 b' meżżi effettivi biex dak il-ħarsien jitwettaq.

Illi biex indħil bħal dak ikun "*skont il-liġi",* jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru[16];

Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla

---

[14] Vide Harris,O'Boyle & Warbrick (3rd ed.) p 528.
[15] **Gillow v UK** A 109(1986); 11 EHRR 335
[16] *Q.E.D.B. 24,3.1988 fil-każ Olsson vs Svezja (Nru. 1) (Applik. Nru. 10465/83) § 62*

minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq[17] u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt[18]. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet.

Illi huwa stabbilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights*". *This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.*"[19];

Illi terga' tissenjala li fil-kaz odjern, l-interferenza percepita tikkonsisti f'xejn izjed u f'xejn inqas milli fl-applikazzjoni mill-Qorti tal-**artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni** (Kap 319):

***"3** (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-*

[17] *Q.E.D.B. 24.11.1986 fil-każ Gillow vs Renju Unit (Applik.Nru. 9063/80) §55*
[18] Q*.E.D.B. 26.3.1987 fil-każ Leander vs Svezja (Applik. Nru. 9248/81) §58*
[19] 91 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3

*imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

Illi r-rikorrent isostni li gie zgumbrat b'effett tas-sentenza, in kwantu gie pprivat mid-difiza ta' titlu abbazi tal-artikolu 12A tal-Kap 158 u li kwindi dan kien sproporzjonat fil-konfront tieghu billi qed ikollu jwiegeb ghall-obbligi tal-Istat fil-konfront tas-sid tal-proprjeta'.

Ikkonsidrat li l-Qorti Kostituzzjonali b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea, sabet li d-drittijiet tas-sidien ghat-tgawdija tal-proprjeta' taghhom gew miksura minhabba legislazzjoni[20] li kellu effett retroattiv. Din il-legislazzjoni imponiet obbligu fuq is-sidien li jhallu lir-rikorrent jibqa' ghix fil-proprjeta' taghhom, fi zmien meta d-dritt tieghu kien gja spicca u dan taht l-istess kondizzjonijiet applikabbli skont l-artikolu 12(2)(i) u (ii) li tal-Kap. 158 li kienu applikabbli *mutatis mutandis.*

Illi r-rikorrent jirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' **Sean Bradshaw et v Avukat Generali et** (QK 6 ta' Frar 2015) fejn l-Qorti Kostituzzjonali rribadiet li " *Ghalhekk fil-kaz ta' ligi leziva tad-drittijiet konvenzjonali jew kostituzzjonali, huwa l-Istat u mhux ic-cittadin li ghandu jirrispondi. Ghax huwa principalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tas-sid ma jinkissrux*." Kif gja gie premess, il-

[20] L-Att Numru XVIII tal-2007 li introduca fl-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta)

Qorti Kostituzzjonali ma sabetx vjolazzjoni tad-dritt tas-sidien f'din il-kawza u, inoltre, fi skorta ta' sentenzi ohra, fejn sabet ksur, iddizapplikat l-artikolu leziv fir-relazzjonijiet *inter partes.*

Ir-rikorrent jilmenta li anke li kieku s-sidien sofrew tali privazzjoni, il-Qorti ma misset qatt iddizapplikat l-artikolu 12A fil-konfront tieghu ghaliex hu ben saput li huwa l-Istat li jrid jirrimedja l-lezjoni tad-drittijiet fondamentali u mhux ic-cittadin privat.

Illi kkonsidrat li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jghid x'jghid ir-rikorrent, ma kellux il-garanzija tal-Ligi, fiz-zmien tas-subkoncessjoni, li jkompli jgawdi l-fond wara t-terminazzjoni tal-perjodu koncess. Dan id-dritt "akkwistah" b'effett ta' disposizzjoni retroattiva li giet ritenuta eccessiva u abbuziva tal-jeddijiet tal-privat, mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza premessa u anke fil-kaz ta' **Angela Balzan v Prim Ministru** (Kostituzzjonali 7/12/12). Inoltre, l-ligi ma ttih l-ebda garanzija li jkompli igawdi minn dispozizzjoni li tikser il-Konvenzjoni.

Inoltre kif issottomettiet Josephine Azzopardi ghas-sidien fin-nota taghha, ma hemmx obbligu da parti tal-Istat li jassigura li jkun hemm *housing* ghal kulhadd irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarji tieghu. "*Fuq kollox Philip Grima lanqas qed jilmenta li l-Istat cahdu minn dan id-dritt ghaliex huwa stess ma applikax ghall housing minghand il-Gvern."* Taghmel riferenza ghar-ricerki ta' Philip Grima esebiti fil-kawza civili 65/2007 minn fejn

jirrizulta bl-aktar mod car in-numru ta' proprjetajiet li ghandu l-istess Philip Grima fuq ismu.

Ikkonsidrat ukoll li jekk ir-rikorrent jinghata ragun, tigi mminata is-sahha tal-Konvenzjoni stess bhala ligi superjuri ghal-ligi ordinarja fil-gerarkija legali taghna. Inoltre ligi li hu bla effett ghaliex jikser il-Konvenzjoni necessarjament huwa bla effett ghall-partijiet fil-kawza. Essenzjalment, u dan gie ripetutament osservat minn din il-Qorti, ir-rikorrent jippretendi li s-sidien ghandhom ikomplu jissubixxu c-cahda tat-tgawdija tal-proprjeta taghhom, u ikomplu jissottomettu ghal *forced landlord-tenant relationship*, semplicement sabiex hu jkompli jghix fid-dar tieghu. Aparti l-konsiderazzjoni li dan il-punt gie trattat <u>u deciz definittivament</u> mill-Qorti Kostituzzjonali, din l-interpretazzjoni tar-rikorrent ma ggibx proporzjonalita' bejn id-dritt tieghu u dak tas-sidien, imma l-eskluzjoni stess tad-dritt fondamentali tas-sidien.

Illi koncess li s-sentenza, u b'mod partikolari, dik il-parti tas-sentenza li tghid li r-rikorrent ma jistax jistrieh fuq l-Artikolu 12A tal-Kap 158 tikkostitwixxi "*indhil*" mill-Qorti bhala awtorita` tal-Istat ghall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, tali indhil :

i. kien skont il-Ligi (bl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni kif trattat *ante* u tal-obbligu tal-Qorti li taghti rimedju effettiv.

ii. kien gustifikabbli in kwantu necessarju f'socjeta' demokratika ghat-thaddin tar-*rule of law* sabiex jigi zgurat l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea fis-shih;
iii. kif ukoll mehtieg ghall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' haddiehor, is-sidien f'dan il-kaz li huwa *legitimate aim* ghall-fini ta' dan l-artikolu.

Illi gie sottomess mill-Avukat Generali li l-pronunzjament tal-Qorti bl-ebda mod ma jista' jinghad li hemm indhil vjolattiv peress li fl-ebda parti tas-sentenza ma gie ordnat l-izgumbrament tar-rikorrent. Fir-realta' ghadu ma giex zgumbrat u ghalhekk din it-talba hija' f'dan is-sens, intempestiva. Il-Qorti Kostituzzjonali zammet lura milli tordna l-izgumbrament tieghu u llimitat is-sentenza ghar-rimedjar tal-vjolazzjoni lamentata skont id-dettami tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti taqbel li l-Qorti Kostituzzjonali kull ma ghamlet kien li rravizat vjolazzjoni u tat ir-rimedji mehtiega. Id-dizapplikazzjoni tal-artikolu 12A fil-konfront tar-rikorrent hija konsegwenza logika tal-htiega li titwaqqaf il-vjolazzjoni.

Aspett iehor hu li l-kaz odjern jittratta essenzjalment ir-relazzjonijiet bejn zewg partijiet privati u mhux bejn ic-cittadin kontra l-Istat. Dwar dan il-punt gie osservat li "*it is debatable whether cases involving two private parties require the same proportionality assessment given the importance of the private owner's property rights.*" (**Harris, O'Boyle & Warbrick**[21]). L-istess awturi jaghmlu riferenza

[21] *Law of the European Convention on Human Rights (3rd ed.)* p 582.

ghall-*concurring opinion* tal-Imhallef Vincent Degaetano fil-kaz **Buckland v UK**[22]

Illi dan premess, il-Qorti taqbel li fil-kaz odjern ma jirrizultax spropozjonalita' bejn id-dritt vantat tar-rikorrent u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Ir-rikorrent qatt ma jista' jistrieh fuq l-artikolu 12A fir-relazzjonijiet tieghu mas-sidien *stante* li l-Qrati taghna huma marbutin, bhala strumenti gudizzjarji li tabilfors iridu japplikaw il-ligi Kostituzzjonali u Konvenzjonali, kemm f'gurisdizzjoni ordinarju taghhom, *multo magis* f'dik Kostituzzjonali.

Illi kif gja gie trattat, l-artikolu 8 jitkellem dwar "*rispett*" li jfisser li l-indhil m'ghandux ikun bla razan, eccessiv, jew inaspettat. Illi fil-kaz odjern, il-Qorti Kostituzzjonali hija marbuta biex tpoggi lill-vittma ta' allegat ksur kemm jista' jkun fil-posizzjoni li kien igawdi minnu qabel il-vjolazzjoni - *restitutio in integrum* billi ghandhom dritt ghar-rimedju effettiv skont il-Konvenzjoni. Fi kliem prattici, is-sidien

[22] App. Nru. *40060/08* ECtHR - dec 18.09.2012. L-Imhallef Degaetano kiteb hekk "*In my view while it is perfectly reasonable to require that an eviction or repossession notice issued by the Government or by a local authority – both of which are normally under a public law obligation to provide accommodation for people within their jurisdiction – or possibly even by a private entity in receipt of public funds, should be capable of being challenged on the grounds of proportionality, when the landlord is a private individual the tenant's right should in principle be limited to challenging whether the occupation – tenancy, lease, encroachment concession, et cetera – has in fact come to an end according to law. In this latter case the proportionality of the eviction or repossession in light of the relevant principles under Article 8 should not come into the equation. This is not to say, of course, that the Government may not, by legislation, impose restrictions on the use of the property by the landlord upon or after the termination of the occupancy, from which restrictions the last tenant or occupant might even benefit (see, by way of analogy, James and Others v the United Kingdom, no. 8793/79, 21 February 1986; Hutten-Czapska v. Poland, [GC] no. 35014/97, 19 June 2006); but this is a totally different issue from what is being proposed in the second sentence of paragraph 65.*"

kellhom jitpoggew fis-sitwazzjoni antecedenti ghad-dhul fis-sehh tal-artikolu 12A tal-Kap 158.

Illi jsegwi necessarjament li l-interferenza kienet gustifikata anke billi s-sidien legittimament ghandhom id-dritt ghar-ripresa tat-tgawdija tal-proprjeta` taghhom gjaladarba t-tehid tal-istess gie dikjarat leziv tad-drittijiet fondamentali taghhom kif protetti mill-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319.)

Illi inoltre, l-izgumbrament ta' persuna privata lanqas hu eskluz bhala rimedju f'kawzi istitwiti mis-sidien kontra l-Istat *ai termini* tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti Ewropea, fil-kaz fl-ismijiet **Montanaro Gauci v Malta**[23] ppronunzjat ruhha fis-sens segwenti dwar ir-rimedji li jistghu jinghataw:-

*"3. The Court reiterates that a judgment in which it finds a breach imposes on the respondent State a legal obligation under the Convention to put an end to the breach and make reparation for its consequences. If national law allows only partial reparation to be made, Article 41 of the Convention gives the Court the power to award compensation to the party injured by the act or omission that has led to the finding of a violation of the Convention (see Hirschhorn v. Romania, no. 29294/02, § 113, 26 July 2007).*

---

[23] App.Nru.*31454/12* dec. fit-30.08.2016

*4. <u>Hence there is no doubt that in law, the courts of constitutional jurisdiction could annul an order and evict a tenant. Such a measure would have prevented the continuation of the violation</u>. Nevertheless, it is clear from the case-law relied on by the domestic court and that submitted by the applicant that in situations such as those of the present case, namely where a lawful requisition has imposed an excessive burden on an applicant leading to a violation, the courts of constitutional jurisdiction, and in particular the Constitutional Court on appeal, do not take such action. Indeed, the Government have not provided one such example, despite having been requested to do so, and despite the fact that thousands of requisition orders have been in place in the past decades. It follows that, <u>despite having the power to do so, in practice, the Constitutional Court has repeatedly failed to take the required action which would bring the violation to an end.</u>*

*5. <u>The Court observes that such an action would surely cause some distress to the tenant. Nevertheless, it would be for the Government to relocate such a tenant. It is the role of the courts of constitutional jurisdiction to provide the available remedy for convention violations, thereby protecting the victim from a continuing violation irrespective of any Government discomfort.</u> This is particularly so when the Government could avoid any such situations by amending the law in such a way as to provide for a reasonable amount of rent."* (enfasi ta' din il-Qorti.)

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib li din il-lanjanza wkoll mhix gustifikata.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali u tar-rikorrent fil-kawza tichad it-talbiet ta' Philip Grima in kwantu ma ssibx li sofra lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu.

**L-ispejjez jithallsu minn Philip Grima.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**17 ta' Novembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Novembru 2016**